# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

Spettur Diane Vella )

Vs

Jean  Paul Abdilla

Illum 17 ta' Frar, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Jean Paul Abdilla, iben William u Carmen Xebba Grech, Residenti gewwa 857, Triq il-Kbira San Guzepp, il-Hamrun u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 529881M

Billi int akkuzat talli nhar l-24 ta' Lulju, 2020 ghall-habta bejn il-10:40 hrs u l-11:00hrs, gewwa Triq Sarria, il-Furjana:

1. Waqt li kont qieghed issuq jew fil-kontroll ta` Xarabank tal-linja bin-numru tar-registrazzjoni BUS- 661 tal-ghamla Otokar, b`nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b`nuqqas ta` tharis ta` regolamenti,

ikkagunajt feriti gravi fuq il-persuna ta` Mary Grace Cassar, skond kif iccertifikata mit-tabiba Dr Erica Cilia (med.reg.no 381) tal-Isptar Mater Dei. (Art. 226(1) (b), Kap, 9)

F`kaz ta` htija, il-Qorti gentilment mitluba sabiex minbarra l-piena li jidrilha  xierqa, tapplika wkoll revoke jew sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien li jidrilha xieraq. (Art, 32 Kap, 65)

Rat l-artikoli 226(1) (b) Kap 9 L.S. 65.18 Art 36B fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni

L-imputat ghazel li ma jixhidx

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta

Semghet it-trattazjoni

**Ikkunsidrat**

**Ps 549 Reuben Pace u Dr John A Casalletto** xehdu permezz ta' affidavit

**Rita Azzoppardi** ezebiet Dok RA1 u Dok RA

**Ikkunsidrat**

Illi f'dawn il-proceduri hemm nuqqas ta' provi fil-livell ta' *beyond a reasonable doubt* kif rikjesti fil-kamp kriminali. Ma xehditx ix-xhud principali Mary Grace Cassar u ma sarhux it-twissijet kollha kif rikjest fil-kamp kriminali

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat  artikoli 226(1) (b) Kap 9  L.S. 65.18 Art 36B  fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda  tal-Ligijiet ta' Malta

ma ssibx lil Jean-Paul Abdilla hati tal-imputazzjoni fil-konfront tieghu u tilliberah  minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**